

**Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Sistemi legali - tal-UE u nazzjonali>Sistemi ġudizzjarji nazzjonali****I-Spanja**

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [es](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

**Sistemi ġudizzjarji nazzjonali**

Spanja

Din it-taqsimha tippreżenta ħarsa ġenerali lejn is-sistema tal-qrati u t-tribunali fi Spanja.

**L-Organizzazzjoni tal-Ġustizzja. Is-Sistemi Ġudizzjarji****L-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja**

Fl-ambitu tas-sistemi ġuridiċi kontemporani, is-sistema Spanjola għandha l-karatteristiki tal-hekk imsejjaħ mudell kontinentali.

Dan il-mudell għandu bħala karatteristiki fundamentali:

is-separazzjoni fl-ordni ġuridiku tas-settur pubbliku u tas-settur privat, waqt li huma wkoll maqsuma f'taqsimiet li jkopru materji kostituzzjonali, kriminali, amministrattivi, fiskali, ċivili, kummerċjali, industrijali u proċedurali.

is-supremazija tal-liġi u tad-dritt miktub, fis-sistema tas-sorsi definiti fil-Kodiċi Ċivili jiġifieri l-liġi miktuba, il-konswettudni u l-prinċipji ġenerali tad-Dritt.

l-organizzazzjoni ġerarkika tat-tribunali b'sistema ta' rikorsi ġurisdizzjonali.

**Tipi ta' tribunali. Deskrizzjoni fil-qosor**

Il-Kostituzzjoni Spanjola tal-1978 tistabbilixxi li Spanja hija Stat Soċjali u Demokratiku bbażat fuq l-Istat tad-Dritt li bħala valuri superjuri tal-ordni ġuridiku tiegħu għandu l-libertà, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-pluraliżmu politiku.

Il-Kostituzzjoni hija bbażata fuq l-għaqda indissolubbli tal-Istat Spanjol, il-patrija komuni u indiviżibbli tal-Ispanjoli kollha, u tirrikonoxxi u tiggarrantixxi d-dritt għall-awtonomija tan-nazzjonalitajiet u r-reġjuni integrati fih u s-solidarjetà bejniethom kollha.

It-Titolu VI tal-Kostituzzjoni huwa ddedikat lill-Ġudikatura u l-Artikolu 117 tiegħu jiddikjara li l-prinċipju tal-għaqda ġurisdizzjonali huwa l-bażi għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tat-Tribunali.

Dawn il-prinċipji kollha jinfurmaw l-Organizzazzjoni tal-Qrati u t-Tribunali fi Spanja u huma mfissra fl-eżistenza ta' ġurisdizzjoni unika, magħmula minn korpi uniku ta' mħallfin u maġistrati li jiffurmaw il-Ġurisdizzjoni Ordinaria.

Jeżistu diversi qrati u tribunali li jqassmu xogħolhom skont il-kriterji għat-tqassim skont il-kompetenza: is-suġġett, l-ammont, il-persuna, il-funzjoni jew it-territorju, billi l-Għaqda Ġurisdizzjonali ma teskludix l-eżistenza ta' organi differenti b'kompetenzi differenti.

Sabiex organu ġudizzjarju jiġi kkunsidrat bħala ordinarju, irid ikun irregolat mil-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura, skont il-mandat fl-Artikolu 122 tal-Kostituzzjoni Spanjola tal-1978.

Trid issir distinzjoni bejn tliet aspetti fundamentali:

l-aspett territorjali.

in-natura individwali jew kolleġjali tal-organi.

l-aspett kompetenzjali.

l-aspett territorjali

Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni fil-Liġi Organika 6/1985 tal-1 ta' Lulju dwar il-Ġudikatura, l-Istat huwa organizzat **territorjalment**, għal skopijiet ġudizzjarji, f'muniċipalitajiet, distretti, provinċji u komunitajiet awtonomi, bl-awtorità ġurisdizzjonali fuqhom tkun eżerċitata mill-Qrati tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, il-Qrati tal-Ewwel Istanza u l-Kumpilazzjoni, il-Qorti Amministrattiva, il-Qorti Industrijali, il-Qorti tal-Vigilanza Penitenzjarja u tal-Minuri, il-Qrati Provinċjali u t-Tribunali Superjuri tal-Ġustizzja. Il-Qorti Kriminali u Amministrattiva Nazzjonali u l-Qorti Suprema u l-Qrati Ċentrali tal-Kumpilazzjoni u l-Qrati Amministrattivi għandhom awtorità ġurisdizzjonali fit-territorju nazzjonali kollu.

In-natura individwali jew kolleġjali tal-organi

Rigward **in-natura individwali jew kolleġjali tal-organi**, kollha huma individwali bl-eċċezzjoni tal-Qorti Suprema, il-Qorti Kriminali u Amministrattiva Nazzjonali, il-Qrati Superjuri tal-Ġustizzja u l-Qrati Provinċjali.

**Il-Qorti Suprema** hija fformata mill-president tagħha, il-presidenti tal-awla u l-maġistrati li jiddeterminaw il-liġi għal kull waħda mill-awli u t-taqsimiet tagħhom. Hemm ħames awli: dik Ċivili, dik Kriminali, dik Amministrattiva, dik Industrijali u dik Militari.

**Il-Qorti Kriminali u Amministrattiva Nazzjonali** hija fformata mill-president tagħha, il-presidenti tal-awla u l-maġistrati li jiddeterminaw il-liġi għal kull waħda mill-awli u t-taqsimiet tagħhom (tal-Appelli, Kriminali, Amministrattiva u Industrijali).

**Il-Tribunali Superjuri** jinkludu erba' awli (ċivili, kriminali, amministrattivi u industrijali). Huma fformati minn president, li huwa wkoll il-president tal-awla ċivili u ta' dik kriminali; il-presidenti tal-awla u l-maġistrati li jiddeterminaw il-liġi għal kull waħda mill-awli tagħhom.

**Il-Qrati Provinċjali** huma fformati minn president wieħed u żewġ maġistrati jew aktar. Huma jismgħu kawżi ċivili u kriminali u jista' jkun hemm taqsimiet bl-istess kompożizzjoni.

**L-Uffiċċju Ġudizzjarju**

Il-Liġi Organika tal-Ġudikatura tiddefinixxi l-Uffiċċju Ġudizzjarju bħala "l-organizzazzjoni ta' natura strumentali li toffri sostenn u appoġġ għall-attività ġurisdizzjonali tal-qrati u t-tribunali."

Dan kien imfassal biex itejjeb l-effikaċja, l-effiċjenza u t-trasparenza tal-ħidma ġudizzjarja, iħaffef il-qtugħ tal-kawżi, u jrawwem il-kooperazzjoni u l-koordinament bejn id-diversi amministrazzjonijiet. Għaldaqstant, it-tnedija tiegħu hija reazzjoni għall-impenn lejn servizz pubbliku eqreb taċ-ċittadini u ta' kwalità, b'konformità mal-valuri kostituzzjonali u li jimxi mal-bżonnijiet reali taċ-ċittadini.

Dan huwa mudell organizzattiv ġdid li jintroduċi tekniki moderni ta' ġestjoni, ibbażati fuq il-kumbinazzjoni ta' unitajiet amministrattivi differenti; Unitajiet Proċedurali ta' Appoġġ dirett, li huma ekwivalenti għall-qrati l-antiki, li jappoġġaw lill-Imħallef jew Maġistrat fil-funzjoni ġurisdizzjonali tiegħu u Servizzi proċedurali komuni, immexxija minn Segretarji Ġudizzjarji li jwettqu u jiddeċiedu l-funzjonijiet kollha li ma jkunux strettament ġurisdizzjonali, fosthom: jirċievu dokumenti, jieħdu ħsieb in-notifiki, jeżegwixxu d-deċiżjonijiet, jitttrawwaw proċedimenti mhux ġudizzjarji, jilqgħu rikorsi għall-ftuħ ta' kawża, jinnotifikaw il-partijiet, jirrimedjaw nuqqasijiet proċedurali...

Hemm tliet tipi ta' Servizzi Komuni Proċedurali:

Is-Servizz Komuni Ġenerali

Is-Servizz Komuni tal-Ġestjoni tal-Kawża

Is-Servizz Komuni tal-Eżekuzzjoni

Il-mudell organizzattiv il-ġdid tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja daħal fis-seħħ f'Burgos u f'Murcia f'Novembru 2010. Fi Frar tas-sena ta' wara, l-Uffiċċju Ġudizzjarju ġie stabbilit f'Cáceres u fi Ciudad Real u fix-xahar ta' Ġunju 2011 fis-sedi ta' León, Cuenca u Mérida. Huwa previst li fl-2013 ikun stabbilit ukoll f'Ceuta u f'Meilla. Dan il-mudell organizzattiv jikkoeżisti mal-mudell l-antik ta' qrati u tribunali li għad hemm fil-bqija tat-territorju.

#### L-aspett kompetenzjali

Flimkien mal-element territorjali, is-suġġetti u l-kwistjonijiet li jistgħu jisimgħu l-qrati u t-tribunali jinqasmu **ferba' oqsma ġurisdizzjonali**:

**Ġurisdizzjoni Ċivili**: teżamina t-tilwim li ma jkunx attribwit espressament lil qasam ġurisdizzjonali ieħor. Għalhekk jista' jiġi kklassifikat bħala ordinarju jew komuni.

**Ġurisdizzjoni Kriminali**: Il-ġurisdizzjoni kriminali tisma' kważi u proċedimenti kriminali. Hija karatteristika tal-liġi Spanjola li l-kawża ċivili li tirriżulta minn reat kriminali tista' titressaq fl-istess fin bħall-azzjoni kriminali. F'każ bħal dan, il-qorti kriminali tiddeċiedi d-danni xierqa sabiex tagħmel tajjeb għat-telf ikkawżat mid-delitt jew nuqqas.

**Ġurisdizzjoni Amministrattiva**: il-ġurisdizzjoni amministrattiva tittratta l-verifika tal-legalità ta' azzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-pretensjonijiet ta' responsabbiltà finanzjarja li jsiru kontra tagħhom.

**Ġurisdizzjoni Industrijali**: tisma' pretensjonijiet fil-qasam tad-dritt industrijali, kemm f'kunflitti individwali bejn il-ħaddiem u min iħaddmu li jirriżultaw mill-kuntratt tax-xogħol, u fi kwistjonijiet ta' negozjati għal ftehim kollettiv, kif ukoll talbiet fil-materja tas-Sigurtà Soċjali jew kontra l-Istat meta jkollu responsabbiltà attribwita mil-leġiżlazzjoni industrijali.

Minbarra l-erba' oqsma ġurisdizzjonali, fi Spanja hemm ukoll il-**Ġurisdizzjoni Militari**.

Il-Ġurisdizzjoni Militari tirrappreżenta eċċezzjoni għall-prinċipju tal-unità ġurisdizzjonali.

#### Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna dwar il-ġurisdizzjoni ordinarja fi Spanja.

Ma jeżisti l-ebda qasam ġurisdizzjonali straordinarju fi Spanja, madankollu nistgħu nirimarkaw li fl-oqsma ġurisdizzjonali li diġà ssemew, ġew stabbiliti **Qrati speċjalizzati bbażati fuq is-suġġett**. Bħal, pereżempju, il-qrati li jitrattaw il-Vjolenza kontra n-Nisa, il-qrati ta' viġilanza penitenzjarja u qrati tal-minuri. Dawn il-qrati għandhom ġurisdizzjoni ordinarja bi speċjalizzazzjoni minħabba s-suġġett li jitrattaw. Għal aktar informazzjoni, ara "qrati u tribunali speċjalizzati fi Spanja."

#### Il-ġerarkija tal-qrati u t-tribunali

Spanja ssegwi sistema ta' żewġ istanzi, li tistabbilixxi l-ġerarkija tat-tribunali f'sistema tal-appelli.

Huwa neċessarju li wieħed jara dak li jispesjifika l-ordni ġuridiku Spanjol dwar il-kompetenzi ta' kull organu ġudizzjarju sabiex jara liema appelli huma applikabbli u quddiem liema qorti jridu jsiru. **Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna dwar il-ġurisdizzjoni ordinarja fi Spanja.**

#### Bażijiet ta' dejta legali

##### L-aċċess għall-bażijiet ta' dejta huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess huwa b'xejn.

#### Ġabra fil-qosor tal-kontenut

Bażijiet ta' dejta dwar il-leġiżlazzjoni. [Gazzetta Uffiċjali tal-Gvern](#).

Bażijiet ta' dejta dwar il-ġurisprudenza. [Ċentru tad-Dokumentazzjoni Ġudizzjarja](#).

#### Ħoloq relatati

#### IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-ĠUDIKATURA FI SPANJA

L-aħħar aġġornament: 17/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.